MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2012

Numru 244/2012

**Il-Pulizija**
**(Sp Jason Francis Sultana)**

**vs.**

**Christian Panaitescu**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Marian Panaitescu ta' 26 sena iben Gigi u Aurika mwieled Romania nhar is-27 ta' Gunju 1986 u jghix gewwa 1 Qual Flats, Triq il-Harrub, Msida, detentur ta' karta tal-identita Rumena numru GL 222555.

1. Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer matul dawn l-ahhar gimghat b'diversi atti maghmulin minnhom ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

2. Talli nhar it-30 ta' Jannar 2012 u/jew fil-granet u gimghat ta' qabel, matul il-jum, f'dawn il-Gzejjer u cioe minn gewwa l-fond bl-isem Roma Hotel li jinsab Triq Ghar Lenbi, Sliema, kkommetta serq ta' diversi hwejjeg, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-persuna kif wkoll bil-valur li jeccedi 232.94 Euro u li sar ghad-detriment ta' Arianna Grada u/jew ta' persuni ohra u dan bi ksur ta' l-Artikolu 261(a)(b)(c), 262(1)(b), 263(a), 264(1), 265, 267, 269(g), 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U iktar talli fl-istess zmien laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, u/jew xjentement b'kull mod indahal sabiex ibieghhom jew imexxiehom u dan bi ksur ta' l-Artikolu 334(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenti legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li huwa ikkoopera mal-pulizija u indikalhom tlett persuni ohra li allegatament ikkomettew reati, u li r-rifurtiva giet misjuba.

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll li ghal fini ta’ piena it-tielet imputazzjoni hija assorbita fit-tieni imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 18, 261(b),(c) u (d), 263(a), 267, 268, 334(a), 278(3), u 20 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula tikkundanna lill-imputat ghal tmintax-il xahar prigunerija effettiva.

Il-Qorti tordna li l-atti jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------